**FIL-QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

Fl-atti ta' rikors revoka numru:155/2021/GM
wara mandat ta' żgumbrament eżekuttiv numru: 62/2021 fl-ismijiet:

**Joseph Spiteri** ID 570155(M)

**vs**

**Carmen Spiteri** ID 465460(M)

Illum, 22 ta' Diċembru 2021

Il-Qorti:

Permezz tar-rikors tagħha tal-15 ta' Ġunju 2021, Carmen Spiteri qiegħda titlob, bis-saħħa tal-Artiklu 281 tar-rit proċedurali, r-revoka ta' mandat eżekuttiv - ta' żgumbrament - maħruġ minn din il-Qorti fuq rikors ta' żewġha Joseph Spiteri, tas-6 t'April 2021, għar-raġuni li din il-Qorti mhix kompetenti.

Ir-retroxena għal dan ir-rikors kienet din: Fis-27 t'Ottubru 2016, din il-Qorti ippronunzjat sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti li permezz tagħha ordnat, fost l-oħrajn, li "d-dar matrimonjali għandha tinbiegħ u titpoġġa fis-suq għall-prezz ta' €175,000, jew prezz ieħor miftihem bejn il-partijiet. Jekk ma jiġix iffirmat konvenju fi żmien

sena mil-lum id-dar tinbiegħ taħt l-awtorita` tal-Qorti. Mir-rikavat l-ewwel jitħallas id-dejn tal-komunjoni u l-bilanċ jinqasam ugwalment bejn il-partijiet". Permezz ta' Artiklu 8 tal-parti dispożittiva, din il-Qorti awtorizzat lil Carmen Spiteri "tirrisjedi fid-dar matrimonjali żmien sitt xhur mil-lum ad esklużjoni tal-konvenut bl-obbligu illi tagħti aċċess lill-konvenut u lil terzi fl-eżerċizzju għall-bejgħ tad-dar matrimonjali". Iż-żewġ partijiet appellaw mis-sentenza. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018, estendiet it-terminu għall-bejgħ għal sena mid-data tas-sentenza tagħha. Fuq talba ta' Joseph Spiteri, b'digriet tal-25 ta' Frar 2021, l-Onorabbli Qorti tal-Appell wara li stiednet lill-konjuġi Spiteri jsegwu s-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2018 dwar il-bejgħ tad-dar matrimonjali, żiedet tgħid li "billi l-intimata kellha sitt xhur mis-sentenza li fiha kellha ddum tirrisjedi fid-dar matrimonjali tilqa' t-tielet talba għall-iżgumbrament tal-intimata".

Carmen Spiteri ssostni li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kellha l-ebda setgħa żżid, permezz ta' digriet, ordni – ċjoe` ta' żgumbrament – li ma kinitx tinstab fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018 u għalhekk tirriżerva li tattakka, bil-mezzi pprovduti mil-liġi, l-istess digriet. Sintendi din il-Qorti trid tqis l-imsemmi digriet bħala validu sakemm ma jiġix imħassar bi pronunzjament appożitu.

Carmen Spiteri ssostni li din il-Qorti mhix kompetenti billi:

> "… *ai termini* tal-Artikolu 264 tal-Kap 12 l-esekuzzjoni ta' sentenza trid tintalab mill-Qorti li tkun tatha filwaqt li l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv ieħor trid tintalab mill-qorti li hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titolu;
>
> "…ir-regola kontenuta fl-Artikolu 265 fis-sens illi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell jiġu enforzati mill-Qorti tal-ewwel istanza tapplika

> biss fir-rigward ta' dawk it-titoli esekuttivi li huma sentenzi u l-ebda titolu esekuttiv ieħor;
>
> "…l-Artikolu 253(a) tal-Kap 12 jitkellem dwar sentenza u digrieti, mentri l-Artikolu 265 tal-Kap 12 jitkellem dwar sentenza biss;
>
> "…għalhekk huwa ben evidenti li r-regola kontenuta fl-Artikolu 265 tal-Kap 12 ma tapplikax meta fit-titolu esekuttiv li l-kreditur ikun qed jittenta jesegwixxi jkun digriet u mhux sentenza".

Għal dawn is-sottomissjonijiet, Joseph Spiteri jwieġeb li:

> "Dak li għamel ir-rikors kien biss li ġie speċifikat l-iżgumbrament li kien inkluż fl-ordni tal-Qorti fis-sentenza finali taghha;
>
> "…b'hekk id-dritt ta' żgumbrament jemani mhux mid-digriet imma minn dak li l-Qorti ordnat li, fis-sentenza finali tagħha, għandu jkun il-futur tad-dar matrimonjali tal-partijiet".

Il-Qorti taqbel mar-rikorrenti Carmen Spiteri dwar l-interpretazzjoni tagħha tal-liġi rilevanti. L-Art. 264 minnha ċċitat jistabbilixxi bħala regola ġenerali li l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-Qorti li minnha jiġu mogħtija, filwaqt li kull titlu eżekuttiv ieħor huwa esegwibbli mill-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titlu. Imbagħad il-liġi tkompli tgħid, permezz tal-Art. 265, li fil-każ t'appell, is-sentenza għandha tiġi esegwita dejjem mill-Qorti tal-ewwel grad. Dan l-artiklu jitratta biss l-esekuzzjoni tas-sentenzi. Ma jitkellimx dwar digrieti. Għalhekk għad-digrieti japplika l-Art. 264(2) li jitratta dwar titli eżekuttivi li mhumiex sentenzi. Għalhekk digrieti maħruġa mill-Qorti tal-Appell għandhom jiġu esegwiti minnha stess.

B'danakollu, it-talba ta' Joseph Spiteri għall-iżgumbrament mhix ibbażata fuq il-mandat biss, imma wkoll – anzi prinċipalment - fuq is-sentenza. Hija fformolata hekk:

> "Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-intimat… in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum, u dana in segwitu tad-digriet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell…"

Tabilħaqq, is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet li "*ma hijex se takkorda dritt ta' abitazzjoni* in aeternum *lill-appellanti* (Carmen Spiteri) *anke minħabba l-fatt li f'dan il-każ ma hemmx tfal minorenni. Se testendi t-terminu impost mill-ewwel Qorti għal sena biex taghtiha aktar żmien tipprepara ruħha għall-bejħ tad-dar*".[1] Sewwa tgħid ir-rikorrenti Carmen Spiteri li l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ordnatx l-iżgumbrament, iżda ma kellhiex għalfejn tagħmel dan. Dik il-Qorti tat żmien limitat t'abitazzjoni lil Carmen Spiteri li issa ilu li skada. Dik kienet l-ordni espliċita u inekwivoka tagħha. Billi dik l-ordni ma ġietx obduta, kien meħtieġ li jintalab l-infurzar tagħha permezz tal-mandat ta' żgumbrament, appuntu biex l-ordni tal-Qorti, li ma ġietx segwita spontanjament, tiġi esegwita bil-forza.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad it-talba għat-tħassir tal-mandat fl-ismijiet premessi.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Dan id-digriet ġie moqri llum bil-miftuħ skont il-liġi.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

---

[1] Paġna 19 tas-sentenza.